MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2006

Numru 1008/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Micallef Grimaud)**

**vs**

**Joseph Debono**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Joseph Debono** ta' 24 sena, bin George u Pauline *nee'* Frendo, imwieled Pieta fit-12 ta' Marzu, 1981, residenti 113, Triq il-Miratur, Floriana, u detentur tal-karta tal-identita numru 153281M;

Talli fl-24 ta' Settembru, 2005, ghall-habta tas-1.00pm, gewwa l-Furjana, bil-hsieb bli taghmel delitt, u cioe' griehi ta' natura gravi fuoq il-persuna ta' Ramon Mifsud Grech, urejt dan bi hsieb b' atti esterniu tajt bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma kienx gie esegwit

minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghek, u dan bi ksur tal-artikolu 41 (1) (a) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi permezz ta' bicca ghodda tal-hadid , ikkagunajt hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Ramon Mifsud Grech skond ma ccertifikat Dr. simone Zammit M.D. tal-Isptar San Luqa, u dan bi ksur tal-Artikolu 221 (1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, bhala ufficjal pubbliku sirt hati ta' reat li inti kellek tissorvelja sabiex ma jsirx jew minhabba l-kariga tieghek kellek fid-dmir li timpedixxi bi ksur tal-Artikolu 141 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ksirt il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-avukat gererali kif ukoll in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz kontra tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;
Semghet il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi l-unici provi f'dan il-kaz huma tal-Ispettur li ressaq il-kaz u tal-ufficjal tal-Pulizija li ha r-rapport izda dawn it-tnejn ma kienux prezenti waqt l-allegat inkontru bejn l-imputat u Ramon Mifsud Grech u ghalhekk ma setghux jitfghu wisq dawl fuq il-kaz. Ramon Mifsud Grech ghamel uzu mill-fakolta' moghtija lilu mil-ligi u cioe li ma jixhidx kontra l-imputat li huwa hu l-mara tieghu u rrinunzja ukoll ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli;

In vista ta' din il-mankanza ta' prova, il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------